# KUMMISSJONI FESTA KRISTU RE - PAOLA

**ATTIVITAJIET SETTEMBRU 2017**

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru: Ġurnata GĦAWDEX għall-festa tal-Vitorja. Inżuru l-knisja tax-Xagħra, (fejn jiċċelebraw il-festa ta' Maria Bambina) u Ta' Kola Windmill. Immorru r-Rabat fejn ikollna ħin liberu u f'nofsinhar immorru għall-ikel Marsalforn fejn ikollna wkoll ħin liberu. Immorru wkoll ix-Xlendi.**

**Tluq minn quddiem il-knisja fit-7.45 ta' filgħodu**
**u lura mal-vapur tal-5.30pm**

## KUMMISSJONI DJAKONIJA

**ATTIVITAJIET SETTEMBRU 2017**

*Matul ix-xahar ta' Settembru*
*mhux se jkun hemm attivitajiet għall-anzjani.*

***Wara li fil-ġranet tal-Festa Titulari stajna ngawdu u nammiraw it-tisbieħ eċċezjonali li sar matul l-aħħar sena fil-knisja, b'apprezzament għal dak kollu li sar, issa għandna nkomplu nkunu ġenerużi fl-offerti tagħna biex dan ix-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ ikompli kif mixtieq.***






## UFFIĊĊJU PARROKKJALI


Dar Parrokkjali,
Triq Lampuka,
Paola PLA 1142
*Tel.* 21695022 *Fax:* 21805955

***E-Mail Address:***
**paolaparish@yahoo.com**
***Homepage:***
**www.paolakristure.com**


***Ħinijiet <u>ĠODDA</u> tal-ftuħ:***

**It-Tnejn,**
**Mid-9.30 sal-11.00 ta' filgħodu**
**Mill-5.00 sas-6.00 ta' filgħaxija**
**L-Erbgħa**
**Mill-10.30 sal-11.30 ta' filgħodu**
**Mill-5.00 sas-6.00 ta' filgħaxija**
**Il-Ġimgħa**
**Mill-10.00 sal-11 ta' filgħodu**



*Leħen il-Kunsill Pastorali Parrokkjali - Parroċċa Kristu Re - Paola*
**Għadd Nru.307 - Id-39 Sena - SETTEMBRU 2017**




# Messaġġ tal-Kappillan



**Għeżież,**

X'FESTA KBIRA KELLNA!

Nixtieq l-ewwelnett nibda b'kelma ta' ringrazzjament qawwija lil Alla l-Imbierek u lil dawk kollha li taw sehemhom biex iċċelebrajna b'mod mill-aqwa l-Festa Titulari tal-Parroċċa tagħna.

Ringrazzjament speċjali lill-Membri tal-Kummisjoni Festa Kristu Re, lis-Soċjeta` Filarmonika Gran Mastru Fra Antoine De Paule u lill-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan.

*Festi Esterni:*

Element importani fil-festi esterni huwa l-armar fit-toroq. Minħabba r-riħ, kif ukoll bix-xogħol li kien għaddej fil-pjazza, ma kienx possibbli li jintrama l-armar kollu li s-soltu jkollna fil-festa. Minkejja li bdejna narmaw id-drapp minn kmieni, minħabba r-riħ li kien qed jonfoħ b'ċerta qawwa u li beda jagħmel ħafna ħsara kellna nieqfu milli nkomplu narmaw. Imbagħad meta waqaf ir-riħ ma kienx fadal żmien biżżejjed biex narmaw it-toroq kollha.

Fuq il-pavaljuni nixtieq ukoll niġbdilkom l-attenzjoni dwar dawk ta' ċerti toroq li mhux possibbli li nkomplu narmawhom għaliex biż-żmien issa l-istat tagħhom huwa ħażin ħafna.

Bħala Kummissjoni tal-Festa għandna l-pjan li nkomplu nibdlu fejn hemm bżonn il-pavaljuni tat-toroq tal-purċissjoni, kif ukoll il-bandalori tal-pjazza.

Sfortunatament minkejja li nixtiequ li nagħmlu pavaljuni ġodda f'toroq oħra l-Kummisjoni Festa bħalissa ma tiflahx għall-ispiża.

Minkejja li ħafna joġġezzjonaw minħabba li ċerti pavaljuni mhux jintramaw, ftit huma dawk li jitħajru jikkontribwixxu biex isiru dawk ġodda.

*.....ikompli f'paġna 4*

*BENEFATTURI LI TAW SEHEMHOM FIL-BINI TAL-KNISJA PARROKKJALI - (7)*

## XOGĦOL IT-TFAL FIL-BINI TAL-KNISJA

*Dr. Simon Mercieca*

Il-Perit Ġużé Damato kien ħareġ bl-idea ġenjali għal dak iż-żmien li juża il-konkos fil-bini ta' din il-knisja. Dan kien materjal ġdid fil-qasam tal-bini ċivili. Damato ried juża dan il-materjal biex jibni l-kolonni ta' din il-knisja. Dan kien l-uniku materjal li seta' jiflaħ għall-piż tas-saqaf.

Issa jekk hawn konkos b'saħħtu f'Malta huwa dak ta' dawn il-kolonni. Kif rajna, għal bidu Damato kien beda jġib ir-ramel minn bajja fi Sqallija. Sal-lum għadha mhux identifikata. Ir-ramel ried jitħallat mas-siment. Is-siment kien jinġieb mingħand A. Bernard ta' Bruxelles u La Cement Marketing Coy Ltd. Il-familja Bernard kellha propjeta f'Raħal Gdid. L-aġent kien Luigi Vincenzo Galea li kien twaqqaf mill-Kappillan Salv Chircop meta nqala' l-inkwiet fl-1926.

Biss ftit kienu jafu kif jinħadem dan il-materjal u lanqas kien hawn materjal biex taħdmu. Illum hu fatt magħruf li dan jitlob xibka tal-ħadid. Damato ma kellux biss jgħallem kif tagħmel it-taħlita, iżda wkoll ix-xibka jew il-gaġġa tal-ħadid bħala qafas għal dan il-konkos. Minn deskrizzjoni li għandna, qabel ma Damato beda jgħallem l-użu ta' dan il-materjal fil-qasam ċivili, il-ħaddiema kienu jħalltu kollox bl-idejn. L-anqas kienu jafu li riedu jużaw il-pali biex jagħmlu l-konkos!!!

Peress li bħala ramel kien qed juża dak tal-baħar, qabel ma kienet issir it-taħlita, ir-ramel tal-baħar kien jintefa` f'għadira li kienet saret apposta biex jitlaħlaħ. Meta kont tifel, niftakar l-anzjani jirrakkuntawli li fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja, fuq in-naħa ta' Church Avenue, eżattament fit-tielet nava, kienet saret vaska kbira bl-ilma ħelu. Ir-ramel kien jintefa` fiha ħalli jitlaħlaħ mill-melħ. L-ilma kien jinbidel minn żmien għal żmien. Wara beda jintuża ramel minn bajjiet lokali. It-tfal kienu joqgħodu jilagħbu fih. Kien l-għors tagħhom. Damato kien iħallihom għaliex aktar ma kienu jqallbu r-ramel, aktar kien jitlaħlaħ mill-melħ.

Il-fatt li s-siment kien qed jigi minn Brussel hu ta' sinifikat. L-Ingliżi kienu jfittxu li jġibu s-siment minn Portland. Kien magħruf bħala Portland Cement. Naħseb li l-Perit Damato dejjaq lill-Ingliżi, meta l-anqas siment tal-Ingliżi ma ried juża f'din il-knisja. Minflok kien qed juża wieħed "Franċiż", jiġifieri ġej mill-parti Franċiża tal-Belġjum. Kien messaġġ politiku ċar. Il-bini ta' din il-knisja kien qed jibghat messaġġ lill-kolonnizzatur Ingliż, li l-Maltin setgħu jibnu bini kbir mingħajr anki ma jużaw prodotti Ingliżi!!!

B'hekk il-knisja ta' Raħal Ġdid kienet pijuniera fid-diffużjoni ta' dan il-materjal ta' kostruzzjoni. Illum ħadd ma tiġieh f'moħħu, li jibni mingħajr ma juża l-konkos. Iżda dak li hu ovvju għalina llum, ma kienx ovvju għal missirijietna. Kien dan il-proġett ta' knisja ġdida ġewwa Raħal Ġdid li serva ta' skola fejn mhux biss ġew megħluba l-biżat ma' l-użu ta' dan il-materjal, iżda wkoll, il-voluntiera, inkluż it-tfal, tgħallmu kif jagħmluh u ħafna snin wara, meta saru adulti bdew jużawh u llum huwa parti mill-materjal ta' kostruzzjoni ġewwa Malta.



# Mill-Uffiċċju Parrokkjali



**MEMBRI ĠODDA FIS-SALTNA**

*Nilqgħuhom fostna bil-ferħ.. .. .. ..*



**LULJU: FARRUGIA Justin; FARRUGIA Viliam; GATT Ella; CASSAR Treschielle; ATTARD BONNICI Ainhoa; ATTARD BONNICI Christian; ZAMMIT Calvin; TABONE VALLETTA Jae.**



**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

*Nawgurawlhom ħajja feliċi…….*

**LULJU: Ma kienx hemm żwiġijiet.**



**GĦADDEW GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM**

*Mulej agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.*
*Ma ninsewhomx fit-talb tagħna .. .. .. ..*

**LULJU: PORTELLI Maria (86); ZAMMIT Maria (80).**

## *FESTA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU*

**Il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru:**
***Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-parroċċa***



**6.30pm Quddiesa u wara Purċissjoni bl-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju**

**(Dettalji f'IS-SALTNA ta' Ottubru)**



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**J O S E P H u P A U L I N E C A R A B O T T**
***Mulej agħtihom l-Mistrieħ ta' dejjem***



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**R O G E R F E N E C H u bintu F R I D A A X I A Q**
***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

**<u>Reġistrazzjoni tat-Tfal għall-Klassijiet kollha</u>**
**<u>tad-Duttrina fl-Oqsma tal-MUSEUM, Subien u Bniet,</u>**

**<u>It-Tnejn, 25 ta' Settembru</u>**
**<u>u l-Ħamis, 28 ta' Settembru</u>**
**<u>bejn il-5.00 u l-6.00 ta' filgħaxija (BNIET)</u>**
**<u>bejn il-5.30 u s-6.30 ta' filgħaxija (SUBIEN)</u>**

**Il-Ġenituri tat-Tfal huma mitluba li jieħdu nota wkoll tal-Quddiesa tal-Bidu Uffiċċjali tas-Sena Kateketika, (kif jidher hawn taħt), biex huma jipparteċipaw ukoll flimkien ma' wliedhom.**

*<u>Bidu tas-Sena Kateketika 2017 -2018</u>*

**<u>JUM IT-TAGĦLIM NISRANI</u>**
**<u>BIDU UFFIĊĊJALI TAS-SENA KATEKETIKA</u>**

**Il-Ħadd, 8 ta' Ottubru 2017**

**9.30am** Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għall-Ġenituri u għat-Tfal li fiha l-Ġenituri jagħmlu l-wegħdiet tagħhom u jingħata l-Mandat lill-Katekisti tal-Parroċċa

**Numru ta' voluntiera regolarment jagħmlu siegħat twal biex jieħdu ħsieb il-ħasil u l-indafa tal-knisja li hi tant kbira. Nagħmlu ħilitna kollha biex inżommu dejjem it-Tempju t'Alla NADIF kif tassew jixraqlu dan il-post.**



Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'
**A N T H O N Y   ST. J O H N**
f'għeluq il-ħdax sena mill-mewt tiegħu
fis-16 ta' Settembru 2006 fl-eta` ta' 88 sena.
Kif ukoll ta' martu Mary li mietet fil-5 ta' Frar 2017
fl-eta` ta' 94 sena.
Qatt minsijin minn uliedhom
*Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem*



Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira ta' l-għażiż tagħna
**O S C A R   T A B O N E**
f'għeluq id-disa' sena mill-mewt tiegħu
*Mulej agħtih l-Mistrieħ ta' dejjem*



## *Djarju tal-Parroċċa:* SETTEMBRU 2017

**<u>KULL NHAR TA' ĦAMIS</u>:** Wara l-Quddiesa tas-6.30 ta' filgħaxija ikun hemm Adorazzjoni Ewkaristika sat-8.00 ta' filgħaxija.

**Il-Ġimgħa, 1 ta' Settembru:** ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.***
*Ikun hemm Qrar sa l-10.00 ta' filgħodu fil-parroċċa.*
*Adorazzjoni u Barka Sagramentali wara l-quddiesa tas-6.30pm.*

**Il-Ħadd, 3 ta' Settembru:** ***It-Tnejn u Għoxrin Ħadd ta' matul is-Sena A - L-Ewwel Ħadd tax-xahar.***
*Ġabra Speċjali fil-Quddies kollu għall-Manutenzjoni tal-Knisja.*

**Il-Ġimgħa, 8 ta' Settembru: FESTA NAZZJONALI u Btala Pubblika**
***It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija: Il-Vitorja.***
*Il-Quddies kollu jkun bħal ta' matul il-ġimgħa.*

**Il-Ħadd, 10 ta' Settembru:** ***L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes***
***L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd ta' matul is-Sena A***
*Ġabra Speċjali fil-Quddies kollu għall-Missjoni fl-Art Imqaddsa.*

**Il-Ħadd, 17 ta' Settembru:** ***L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd - Sena A***

**Il-Ħamis, 21 ta' Settembru: FESTA NAZZJONALI u Btala Pubblika -** ***Jum l-Indipendenza.***

**Il-Ħadd, 24 ta' Settembru:** ***Il-Ħamsa u Għoxrin Ħadd - Sena A***

50 Sena Kkonsagrata 1967-2017
PARROĊĊA KRISTU RE, PAOLA

**Ikomplu ċ-Ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-50 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.**

**<u>Il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru</u>**

**TIFKIRA TA' META L-PARROĊĊA SARET MATRIĊI**

**6.30pm** **Quddiesa fil-knisja parrokkjali u wara ssir purċissjoni *Aux Flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna sal-parroċċa ta' Lourdes fejn tingħata l-Barka Sagramentali.**

**Tieħu sehem il-Banda tas-Soċjeta` Filarmonika 11 ta' Frar.**

Ikompli minn paġna 1.

## FESTA TITULARI 2017

*Fundraising*:

Nixtieq ukoll niġbed l-attenzjoni li l-fondi għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa esterna jiġu mill-attivitajiet ta' *fundraising* u l-ġabra tad-dawl li ssir bl-*envelopes* fi Frar u minn dik il-ġabra tal-festa bl-*envelopes* li ssir f'Lulju ta' kull sena.

Jiddispjaċini li xi drabi minkejja sforz kbir li jsir mill-Grupp *Fundraising* l-attendenza għall-attivitajiet mhux dejjem tkun waħda sodisfaċenti.

Hemm min sfortunatament jirraġuna li jagħti biss flus jekk jgħaddi marċ minn quddiemu, jew jekk jitlax pavaljun fit-triq tiegħu. Nifhem li kulhadd ikun jixtieq it-triq tiegħu tkun imżejna, imma dan mhux dejjem possibbli. Imma min veru jħobb il-festa kapaċi jara dak kollu li jsir u japprezzah u mhux jieqaf biss fuq dak li jkollu quddiem il-bieb jew fit-triq tiegħu.

Il-koperazzjoni għandha tkun kemm fil-ġbir kif ukoll fl-attivitajiet ta' *fundraising*. Huma t-tnejn essenzjali jekk nixtiequ nkomplu nsaħħu ċ-ċelebrazzjoni tal-festa esterna.

*Festa Interna:*

Il-festa tagħna hija mħawra b'diversi aspetti li lkoll flimkien jagħmlu minnha festa waħda sabiħa. L-armar, il-baned u n-nar huma elementi importanti hafna imma l-essenzjal u l-iktar importanti huma ċ-ċelebrazzjonijiet tul il-jiem tal-festa li jsiru ġewwa fil-knisja.

Din is-sena għamilna sforz kbir biex iċ-ċelebrazzjonijiet interni jsiru bl-aħjar mod possibbli. Sar investiment kbir f'dik li hija mużika sagra kif ukoll ġew iċċelebrati kif jixraq mhux biss il-quddies prinċipali, imma wkoll il-"liturġija tas-sigħat" fl-ewwel u fit-tieni Għasar u anki matul iċ-ċelebrazzjoni tal-jiem tat-Tridu.

Ħafna li kienu preżenti, anke minn parroċċi oħra, innutaw li ċ-ċelebrazzjonijiet interni kienu tassew ta' livell verament għoli.

Naħseb li kienet bidla għall-aħjar ukoll li l-Quddiesa Prinċipali tal-festa, issa qed issir filgħodu biex b'hekk qed tkun f'ħin aħjar u tingħata l-importanza tagħha - għall-ewwel darba l-attendenza kienet waħda inkoraġġanti, imma nixtieq li sena oħra naħdmu biex inżiduha wkoll.



Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'

**A G N E S   A G I U S**

*Mulej agħtiha l-Mistrieħ ta' dejjem*



Ikompli

Attendenza nkoraġġanti kienet ukoll għall-Purċissjoni Sagramentali li qed issir nhar il-festa filghodu - kemm hu sew li aħna nuru li nemmnu b'qawwa kbira li Kristu Re jinsab l-ewwel u qabel kollox ħaj u preżenti fis-sagrament tal-Ewkaristija.

Li żgur nixtieq nenfasizza u nħeġġeġ huwa għal attendenza aħjar fiċ-ċelebrazzjonijiet tat-Tridu.

*Konklużjoni:*

Il-Festa Titulari hija mument importanti ħafna fil-ħajja tal-Parroċċa. Hija mument fejn ningħaqdu bejnietna biex nagħtu ġieħ lil Kristu Re, imma hija wkoll mument ta' **għaqda** u **fraternita`** fil-Parroċċa tagħna.

**Minn qalbi ma nistgħax ma ngħidx grazzi lil dawk kollha, individwi, gruppi, għaqdiet u awtoritajiet ċivili, li taw sehemhom u s-servizzi tagħhom biex setgħet issir il-festa bil-mod dinjituż li saret.**

**J'Alla dan l-ambjent sabiħ li gawdejna din is-sena nkomplu nsaħħuh għas-snin li ġejjin.**

**Viva Kristu Re, Sultan tal-Ħolqien kollu.**

Kunu mbierkin.

*Kan. Dun Marc Andre` Camilleri*
*Kappillan*

## *PROĠETTI ĠODDA LI SARU DIN IS-SENA*

Żgur li min żar il-knisja matul il-ġranet tal-festa titulari apprezza u nnota b'sodisfazzjon kbir dawk il-proġetti ta' tisbieħ li saru fl-aħħar sena u li għal ħafna minna kienu biss ħolma.

Kellna mżanżann ventartal b'disinn artistikament irrakkmat professjonalment bid-deheb għall-artal tas-Sagrament; sett ta' gandlieri tal-kristall mal-kolonni kollha tal-korsija; il-gallarija tal-kor xogħol ta' karpenterija artistiku u tant imponenti fuq il-bieb prinċipali bl-iskultura u l-induratura kif ukoll sett ta' fjuretti tal-ganutel għall-artal tas-Sagrament.

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina li dawn il-proġetti kollha, li tant swew flus, huma mħallsa kollha (minbarra żewġ fjuretti) frott tal-ġenerożita` kbira ta' diversi benefatturi li għandhom tant għal qalbhom dan it-tempju maestuż.

F'ismi personalment, f'dak tal-Kleru parrokkjali u f'dak tal-Komunita` Pawlista ngħidulhom GRAZZI MINN QALBNA.